

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-14 ta' Mejju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio) — l-Italja — Acea Energia SpA (C-406/17), Green Network SpA (C-407/17), Enel Energia SpA (C-408/17) vs Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato, Autorità per l'Energia Elettrica il Gas e il Sistema Idrico, Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni C 406/17, C-407/18 et C 408/17, Hera Comm Srl (C-417/17) vs Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato, Autorità per l'Energia Elettrica, il Gas e il Sistema Idrico**

(Kawżi magħquda C-406/17 sa C-408/17 u C-417/17) (i)

*(Rinvju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Direttiva 2005/29/KE — Praktiki kummerċjali żleali tal-impriżi fir-rigward tal-konsumaturi fis-suq intern — Direttiva 2009/72/KE — Suq intern tal-elettriku — Direttiva 2009/73/KE — Suq intern tal-gass naturali — Direttiva 2011/83/UE — Praktiki kummerċjali aggressivi — Konklużjoni ta' kuntratti ta' provvista tal-elettriku u tal-gass naturali li ma kinux mitluba mill-konsumaturi — Konklużjoni ta' kuntratti ta' provvista mill-bogħod jew lil hinn mill-post tan-negozju bi ksur tad-drittijiet tal-konsumatur — Awtorità kompetenti sabiex tawtorizza dawn il-praktiki)*

(2019/C 288/03)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

## **Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

## **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Acea Energia SpA (C-406/17), Green Network SpA (C-407/17), Enel Energia SpA (C-408/17), Hera Comm Srl (C-417/17)

*fil-preženza ta': Adiconsum — Associazione Difesa Consumatori e Ambiente, Movimento Consumatori, Federconsumatori, Gianluca Salvati, Associazione Codici — Centro per i Diritti del Cittadino, Coordinamento delle associazioni per la difesa dell'ambiente e la tutela dei diritti di utenti e consumatori (Codacons), Tutela Noi Consumatori, Movimento Difesa del Cittadino (C-406/17 sa C-408/17)*

*Konvenuti: Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato, Autorità per l'Energia Elettrica il Gas e il Sistema Idrico, Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni (C-406/17 sa C-408/17), Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato, Autorità per l'Energia Elettrica, il Gas e il Sistema Idrico (C-417/17)*

*fil-preżenza ta': Federconsumatori (C-417/17)*

## **Dispożittiv**

L-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll l-Artikolu 3(2) Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandhom jiġu interpretati bħala li ma jipprekludux ir-regoli nazzjonali li skonhom l-aġir, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jikkonsisti fil-konklużjoni ta' kuntratti ta' provvista li ma jkunux intalbu mill-konsumaturi jew li jiġu konklużi kuntratti mill-bogħod u lil hinn mill-post tan-negozju bi ksur tad-drittijiet tal-konsumaturi, għandhom jiġu evalwati fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rispettivi tad-Direttivi 2005/29 u 2011/83, bil-konsegwenza

li, skont dawn ir-regoli nazzjonali, l-awtorità regulatorja settorjali, fis-sens tad- Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE u tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE, mhix kompetenti sabiex tawtorizza tali aġi.

(<sup>1</sup>) ĠU C 338, 09.10.2017.

### **Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-16 ta' Mejju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Vilniaus apygardos teismas — il-Litwanja) – TE, UD, YB, ZC vs Luminor Bank AB**

(Kawża C-8/18) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 53(2) u Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Swieq ta' strumenti finanzjarji — Individwu li mingħand bank ikun kiseb strument finanzjarju derivattiv — Klassifikazzjoni ta' dan l-individwu fis-sens tad-dritt tal-Unjoni)*

(2019/C 288/04)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

#### **Qorti tar-rinviju**

Vilniaus apygardos teismas

#### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: TE, UD, YB, ZC

Konvenuta: Luminor Bank AB

#### **Dispożittiv**

Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieg fl-strumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE, id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drizzijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieg fl-strumenti finanzjarji li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE, għandhom jiġi interpretati fis-sens li ma jaapplikawx għal akkwisti ta' obbligi bid-dejn, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn dawn l-akkwisti seħħew qabel l-1 ta' Novembru 2007.